**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**
**8 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 59**

**Il-Ħamis, 4 ta' April, 2024**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sa Lucia Massa | Kunsillier |
| Is-Sa Maria Magri | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Fredrick Aquilina | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Eric Charles Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Kearon Bruno | Viċi Sindku |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

## 59.01 Qari tal-ittri t'apoloġija

**59.01.01** Il-Kunsillier Eric Charles Camilleri talab li jkun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet personali. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera preżenti.

**59.01.02** Is-Sur Kearon Bruno talab li jkun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' xogħol. Dawn it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 59.02 Approvazzjoni tal-minuti (Seduta 58)

**59.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' Seduta 58.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Lucia Massa, u sekondata mill-Kunsillier Maria Magri, dawn il-minuti ġew approvati unanimament.

## 59.03 Arising mill-minuti (Seduta 58)

**59.03.01** Ma kienx hemm punti

## 59.04 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**59.04.01** Ma kienx hemm kwotazzjonijiet.

## 59.05 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' Pagamenti:*

**59.05.01** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar l-iskeda tal-pagamenti.

*Petty Cash:*

**59.05.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Lucia Massa, u sekondat mill-Kunsillier Fredrick Aquilina, il-kunsilliera preżenti kollha approvaw l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 59.06 Komunikazzjoni mis-Sindku

**59.06.01** Is-Sindku John Schembri informa lill-Kunsilliera preżenti li Jum Ħal Luqa, din is-sena se jsir nhar l-Erbgħa 15 ta' Mejju 2024.

**59.06.02** Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera ddiskutew in-nomini għar-Rikonoxximenti marbuta ma' Jum il-Lokal 2024. Kien hemm qbil unanimu dwar in-nomini.

## 59.07 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

**59.07.01** Is-Sindku John Schembri qed jirrakkomanda sabiex jagħmel użu mill-ħaddiema tal-Cleansing Department għas-servizz taż-żamma tal-indafa tal-Lokal. Il-Kunsilliera qablu b'mod unanimu dwar din ir-rakkomandazzjoni.

## 59.08 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**59.08.01** Il-Kunsillier Fredrick Aquilina rrimarka li hu ma kienx infurmat bis-seduta numru 58 li saret il-Hamis 7 ta' Marzu 2024. Din is-seduta ssejħet sabiex jinħatar is-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku John Schembri wieġeb li kulħadd kien infurmat bis-Seduta 58. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell għalhekk issuġġerit li jsir Whats App group bejn il-Kunsilliera u s-Segretarju Eżekuttiv sabiex tkun tista' tinforma lill-Kunsilliera bil-ħidma tal-Kunsill u tfakkarhom fis-seduta, sabiex kulħadd ikun infurmat.

## 59.09 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi

**57.09.01** Il-Kunsillier Maria Magri rrimarkat dwar Triq l-Iskola dwar it-2 way, li qed tkun perikoluża. Is-Sindku John Schembri qal li se jikkomunika ma' Transport Malta għaliex din il-kwistjoni hija għaddejja mhux ħażin u trid tittieħed azzjoni immedjata qabel ma jseħħ xi inċident ikrah.

## 59.10 Proġetti u skemi

**59.10.01** Is-Sindku John Schembri ta aġġornament dwar l-iskemi. Qal li huwa applika għall-Iskema tal-Milied 2024/2025. Huwa qal li l-kwotazzjonijiet inġabru kollha u ntbagħatu lid-Diviżjoni.

**59.10.02** Is-Sindku John Schembri semma' li l-Kunsill applika ukoll għall-Iskema tal-Community Workers. L-applikazzjoni ntbagħtet bit-tagħrif kollu meħtieġ.

## 59.11 Saħħa, indafa u ambjent

**59.11.01** Il-Kunsillier Andrew Cassar irrimarka li fejn l-airport l-antik hemm riħa insapportabbli għaliex qegħdin jaħslu l-vetturi minn ġewwa u jitfgħu l-ilmijiet maħmuġin barra. Is-Sindku John Schembri qal li se jagħmel kuntatt mad-Direttur Ġenerali tal-Cleansing biex issir tindifa sew ta' fejn qed jinħaslu l-karozzi.

**59.11.02** Il-Kunsillier Fredrick Aquilina semma' li qed jinħareġ xi skart meta mhux suppost fi Triq Indri Micallef. Il-Kunsillier Fredrick Aquilina talab sabiex ikun hemm aktar infurzar anke permezz tal-Community Police sabiex jagħtu ċitazzjonijiet meta meħtieġ. Is-Sindku John Schembri qal li se jkellem lill-Amminstratur tal-Blokka sabiex l-iskart jinħareġ meta suppost.

## 59.12 Attivitajiet

**59.12.01** Ma kien hemm xejn x'jiġi diskuss.

## 59.13 Kultura, żgħażagħ u sport

**59.13.01** Ma kien hemm xejn x'jiġi diskuss.

## 59.14 Affarijiet oħra

**59.14.01** Ma kien hemm xejn x'jiġi diskuss.

## 59.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**59.14.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-18.30 pm wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 7 ta' Mejju 2024 fil-17:30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta 7 ta' Mejju 2024.**

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |